# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 24 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 9.**
**Citazz. Nru. 1410/00 JRM.**

**Bezzina Trading Yard Ltd.**

**vs**

**Andrew Azzopardi.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn u tmienja u sittin lira u tlett centezmi (LM 2068.03) import ta' hames kambjali li skadew u precizament LM480.50 import ta' kambjala li skadiet fil-31 ta' Dicembru 1999, LM480.50 import ta' kambjala li skadiet fil-31 ta' Jannar 2000, LM 480.50 import ta'

kambjala li skadiet fit-23 ta' Frar 2000, LM529.93 import ta' kambjala li skadiet fil-31 ta' Marzu 2000 u LM96.60 import ta' kambjala li skadiet fit-30 ta' April 2000;

Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u tmienja u sittin lira u tlett centezmi (LM2068.03) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja ta' 14 ta' Gunju 2000 u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u tmienja u sittin lira u tlett centezmi (LM2068.03) fuq imsemmija u bl-ispejjez, komprizi

dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Gunju 2000 u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**24, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**24, t'Ottubru, 2000.**